2024/1223

2.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1223

tat-30 ta' April 2024

li jaċċetta talba għal trattament ta' produttur esportatur ġdid fir-rigward tal-miżuri anti-dumping definittivi imposti fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mill-Indja u mit-Turkija u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 tad-9 ta' Frar 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mill-Indja u mit-Turkija ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"), u, b'mod partikolari, l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

A. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Fl-10 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' madum taċ-ċeramika li joriġina, fost l-oħrajn, mit-Turkija ("il-prodott ikkonċernat") permezz tar-Regolament oriġinali.

(2) Fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping definittivi ("investigazzjoni oriġinali"), it-teħid ta' kampjuni ġie applikat għall-investigazzjoni tal-produtturi esportaturi fit-Turkija , fost l-oħrajn skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(3) Il-Kummissjoni imponiet rati individwali ta' dazju anti-dumping li jvarjaw minn 4,8 % sa 20,9 % fuq importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika għall-produtturi esportaturi fil-kampjun mit-Turkija. Għall-produtturi esportaturi Torok li kkooperaw li ma kinux inklużi fil-kampjun, ġiet imposta rata ta' dazju medja peżata ta' 9,2 %. Produtturi esportaturi Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun huma elenkati fl-Anness II tar-Regolament oriġinali. Barra minn hekk, ġiet imposta rata ta' dazju għall-pajjiż kollu ta' 20,9 % fuq il-madum taċ-ċeramika minn kumpaniji fit-Turkija li ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali, l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi produttur esportatur Tork ġdid jingħata r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata ta' dazju medja peżata ta' 9,2 %, fejn dak il-produttur esportatur ġdid fit-Turkija jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali (mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021); (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

B. TALBA GĦAL TRATTAMENT TA' PRODUTTUR ESPORTATUR ĠDID

(5) Il-kumpanija Anatolia Porselen Seramik Anonim Şirketi ("l-applikant") ressqet talba lill-Kummissjoni biex tingħata trattament ta' produttur esportatur ġdid ("NEPT") u għalhekk tkun soġġetta għar-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw fit-Turkija mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri 9,2 %, filwaqt li ddikjarat li ssodisfat it-tliet kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali.

(6) Biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jingħata NEPT kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali ("il-kundizzjonijiet għal NEPT"), il-Kummissjoni l-ewwel baġħtet kwestjonarju lill-applikant fejn talbet evidenza li turi li hu kien qed jissodisfa l-kundizzjonijiet għal NEPT.

(7) Wara l-analiżi tat-tweġiba għall-kwestjonarju, il-Kummissjoni talbet informazzjoni ulterjuri u evidenza ta' sostenn, li l-applikant ippreżenta.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 41, 10.2.2023, p. 1.

(8) Il-Kummissjoni rat li tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset li hi meħtieġa biex tiddetermina jekk l-applikant issodisfax il-kundizzjonijiet għal NEPT. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni analizzat l-evidenza mressqa mir-rikorrenti fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju billi, fost l-oħrajn, ikkonsultat id-database online Orbis ([3]) u kkontroverifikat l-informazzjoni tal-kumpanija ma' informazzjoni disponibbli pubblikament fuq l-internet. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-industrija tal-Unjoni dwar it-talba tal-applikant u stiednet lill-industrija tal-Unjoni biex tikkummenta dwarha. L-industrija tal-Unjoni pprovdiet kummenti li ġew ikkunsidrati.

C. **ANALIŻI TAT-TALBA**

(9) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni NEPT, li l-applikant ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, il-Kummissjoni stabbiliet li l-applikant ma kellu l-ebda faċilità tal-manifattura operattiva tal-madum taċ-ċeramika matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Il-Gazzetta tar-Reġistru tal-Kummerċ Torka turi li r-rikorrenti twaqqfet fl-2018, iżda r-rapport awditjat tar-rikorrenti għas-sena finanzjarja li ntemmet fl-2022 juri li r-rikorrenti kienet għadha f'fażi ta' stabbiliment fi tmiem l-2022. L-applikant beda l-produzzjoni bi prova fit-tieni nofs tal-2023, għalhekk, l-applikant ma setax jesporta madum taċ-ċeramika lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament oriġinali.

(10) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni NEPT, li l-applikant ma huwa relatat mal-ebda esportatur jew produttur li esporta l-prodott ikkonċernat matul l-investigazzjoni oriġinali, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni ma identifikat l-ebda relazzjoni ([4]) bejn l-applikant u entità legali oħra.

(11) Il-Gazzetta tar-Reġistru tal-Kummerċ Torka turi li r-rikorrenti twaqqfet fl-2018 minn Anatolia Holding Corp. (il-Kanada). Fil-kummenti tagħha, l-industrija tal-Unjoni nnotat li fil-kuntest ta' talba oħra għal NEPT li tikkonċerna prodott ieħor u partijiet oħra, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba minn fabbrika ġdida minħabba l-bejgħ lill-Unjoni ta' negozjant relatat fil-pajjiż ikkonċernat. Il-Kummissjoni tinnota li s-sitwazzjoni fattwali f'dan il-każ hija kompletament differenti. Il-parti relatata msemmija mill-industrija tal-Unjoni, f'dan il-każ, ma tinsabx fil-pajjiż ikkonċernat iżda fil-Kanada.

(12) Il-Kummissjoni sabet li l-familja Elmaağaçli, il-familja li waqqfet il-grupp Anatolia, għandha konnessjonijiet storiċi ([5]) ma' Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş. ("Hitit"), produttur esportatur meħud bħala kampjun fl-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, ir-rikorrenti ma għandha l-ebda relazzjoni diretta ma' Hitit. Anki jekk ċerti membri tal-familja Elmaağaçli kienu azzjonisti b'minoranza ta' Hitit fis-snin disgħin, fl-ebda punt dawn l-ishma ma taw lis-sidien tagħhom xi kontroll jew direzzjoni fuq Hitit. L-ishma inkwistjoni jew inbiegħu jew ġew dilwiti ulterjorment sal-punt li kienu essenzjalment insinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku turi li l-grupp Anatolia fundatur tal-familja naqqas il-parteċipazzjoni inizjali tiegħu f'Hitit u li l-familja Hizal kellha 95,5 % ta' Hitit sal-2018 ([6]). L-azzjonist li jifdal f'Hitit li jappartjeni għall-familja Elmaağaçli huwa relatat mal-applikant permezz ta' rabtiet familjari iżda ma għandu l-ebda kontroll jew direzzjoni fuq l-applikant.

([3]) Orbis huwa fornitur globali tad-*data* ta' informazzjoni korporattiva li jkopri aktar minn 220 miljun kumpanija madwar id-dinja. Huwa jipprovdi prinċipalment informazzjoni standardizzata dwar kumpaniji privati u strutturi korporattivi.

([4]) L-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558) (il-Kodiċi Doganali tal-UE), jistipula li żewġ persuni għandhom jitqiesu li huma relatati jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) huma uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) huma sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) huma impjegatur u impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-istokk jew l-ishma bid-dritt tal-vot pendenti tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom jikkontrolla direttament jew indirettament lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jkunu kkontrollati direttament jew indirettament minn terza persuna; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; (h) huma membri tal-istess familja. Persuni li huma assoċjati fin-negozju ma' xulxin fis-sens li wieħed ikun l-aġent uniku, id-distributur uniku jew il-konċessjonarju uniku, irrispettivament minn kif deskritt, tal-ieħor għandhom jitqiesu li jkunu relatati biss jekk jaqgħu taħt il-kriterji msemmija fis-sentenza preċedenti.

([5]) https://www.bizimanadolu.com/archives/Guncel/gun22.htm (ikkonsultat l-aħħar fid-29 ta' Jannar 2024).

([6]) https://www.hurriyet.com.tr/yazarlar/vahap-munyar/aglama-luksum-yoktu-8inci-gun-baskan-oldum-40731455 (artikolu datat t-28 ta' Frar 2018 u kkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Frar 2024).

(13) Għalhekk, l-applikant jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament oriġinali.

(14) Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni NEPT, li l-applikant effettivament esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni stabbiliet li l-applikant daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli ma' diversi klijenti fl-Unjoni biex jesporta kwantità sinifikanti ta' madum taċ-ċeramika lejn l-Unjoni.

(15) Fil-fehma tal-industrija tal-Unjoni, il-fatt li l-applikant kellu ordnijiet ta' prova effettivi fl-aħħar trimestru tal-2023 jista' jimplika li l-obbligi kuntrattwali għall-provvista tal-madum taċ-ċeramika mhumiex irrevokabbli iżda pendenti fuq valutazzjoni ulterjuri tal-prodott fornut. Il-Kummissjoni ma taqbilx fid-dawl tal-obbligi kuntrattwali tal-applikant u l-penali li jirriżultaw minn ksur arbitrarju tat-termini tal-ftehim mill-partijiet.

(16) B'konsegwenza, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikant huwa konformi mal-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament oriġinali.

(17) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-applikant jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet kollha biex jingħata NEPT, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali u t-talba għandha għalhekk tiġi aċċettata. Konsegwentement, l-applikant għandu jkun soġġett għal dazju anti-dumping ta' 9,2 % għall-kumpaniji Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun għat-Turkija fl-investigazzjoni oriġinali.

D. **DIVULGAZZJONI**

(18) L-applikant u l-industrija tal-Unjoni ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom tqies xieraq li tingħata r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għall-kumpaniji Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun għat-Turkija fl-investigazzjoni oriġinali lil Anatolia Porselen Seramik. Anonim Şirketi.

(19) Il-partijiet ngħataw il-possibbiltà li jibagħtu xi kummenti. Ma wasal l-ebda kumment.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpanija li ġejja tiżdied mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 li fih il-lista tal-kumpaniji Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun għat-Turkija:

"Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Anatolia Porselen Seramik Anonim and irketi	89AG"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN